**Kunsill Lokali Il-Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Il-Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg6/A08-12

18 t'Ottubru 2012

**Avviż tal-Laqgħa Nru Klg6/08**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **l-Erbgħa 24 t' Ottubru 2012, fil-5.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Il-Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet
5. Approvazzjoni tat-*3rd Quarter Report* – Lulju – Settembru 2012
6. Diskussjoni u Approvazzjoni t'*Expression of Interest – Cash in Transit*
7. Diskussjoni u Approvazzjoni t'*Expression of Interest – Environmental Co-Ordinator*
8. Affarijiet oħra
9. Laqgħa oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skont il-liġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Roberto Cristiano
Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip.Mgmt. M.I.M
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali IL-Gżira

21 ta' Novembru 2012

Ref Nru.Klg6/008

Minuti tal-laqgħa Nru Klg6/008 li saret l-Erbgħa 24 t' Ottubru 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.00 p.m.

**Preżenti**

Ħames membri tal-Kunsill li kienu, s-Sindku Roberto Cristiano, il-Viċi-Sindku Joe Galea, l-Kunsillieri Vincenza Attard, Charles Micallef St. John u Joseph M. Muscat flimkien ma' l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Hugh Zammit u l-ex-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg.

Attendew għall-laqgħa l-Avukat Edward Woods, l-Perit Joe Bugeja u l-*Accountant* Johanna Caruana, l-persuni professjonali tal-Kunsill.

**Skużati**

Il-Kunsillier Joseph Camilleri u Victor Rutter.

***Chairman***

Is-Sindku Roberto Cristiano ppreseda l-laqgħa.

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fit-18 t' Ottubru 2012.

Minħabba li l-persuni professjonali tal-Kunsill kienu diġa' waslu, ċ-*Chairman* talab għas-sospensjoni ta' l-aġenda u cioe' li l-ewwel jiġu diskussi l-*items* relatati ma' l-Avukat u l-Perit tal-Kunsill sussegwentament ta' liema, tiġi trattata *Item 5* - Approvazzjoni tat-*3rd Quarter Report* – Lulju – Settembru 2012.

Il-Kunsill laqa' din it-talba unanimament.

Għaldaqstant fil- 05.05 p.m. iċ-*Chairman* stieden lill-Avukat Woods u l-Perit Bugeja biex jidħlu għall-laqgħa.

**3.1** Iċ-*Chairman* irringrazzjahom tal-preżenza tagħhom fil-laqgħa u spjega li r-raġuni l-għala ntlabu jattendu kienet, minħabba proposta li kien ser iressaq għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill dwar il-kuntratt attwali mal-*U.I.F.* - *Zone 1 Pavements The Strand and Town Centre* u s-sejħa għall-offerti *GLC 006/2011* biex isir dan ix-xogħol mirbuħa mid-ditta *Polidano Bros LTD*.

Hu qal, li f'dan ir-rigward kien tkellem mal-*U.I.F.* fi ħdan il-*M.E.P.A.* fejn kien gwidat li l-aħjar prattika tkun, li l-kuntratt iffirmat fit-13 ta' Frar 2009 jitwaqqa', filwaqt li dwar l-ittra t'aċċettazzjoni ffirmata ma' *Polidano Bros LTD* fl-14 Ottubru 2011, kien ħa l-parir legali ta' l-Avukat u stiednu jikkomunikah lill-membri tal-Kunsill.

L-Avukat Edward Woods ta' ħarsa lejn il-kuntratt b'referenza partikulari għall-minuti datati 30 ta' Novembru 2011 matul liema laqgħa, kien ġie miftiehem u ffirmat mill-partijiet konċernati, li x-xogħol għandu jinbeda fit-2 ta' Jannar 2012. Hu kompla jgħid, li l-parir legali tiegħu kien li la darba din id-ditta ma żammitx mal-parti tagħha f'dan il-ftehim kif iffirmat, il-Kunsill għandu jibgħat ittra bonarja lil din id-ditta, jiġifieri *Polidano Bros LTD*, biex jinfurmhom li b'konsegwenza tal-fatt li kienu ddekadew mill-obbligi tagħhom, il-kuntratt hawn fuq referut qed jiġi kkunsidrat bħala xolt u jirriserva d-dritt li jista' jieħu azzjoni għad-danni.

Il-Perit Bugeja, bħala wieħed mill-firmatarji tal-minuti hawn fuq referuti, kkonferma dan il-ftehim u nforma li l-kuntrattur ma weriex aktar interess fix-xogħol skont dan il-kuntratt.

F'dan l-istadju intervjena ċ-*Chairman* u għamel referenza għall-informazzjoni mogħtija mill-Onorevoli George Pullicino dwar il-proġett li l-Ministeru tiegħu għandu dwar il-bankini tax-Xatt, għad-diskussjoni li kienet saret mill-Kunsill preċedenti fil-laqgħa tal-15 Marżu 2012 (għall-liema bħala membri eletti kienu attendew bħala osservaturi) u l-materja relatata max-xogħolijiet mitluba mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma.

Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Joseph M. Muscat jekk wara d-data tat-2 ta' Jannar 2012, l-kuntrattur kienx kiteb jew ressaq xi talba oħra, r-risposta kienet fin-negattiv.

Għaldaqstant, a bażi tal-parir ta' l-Avukat Woods u l-konferma tal-Perit Bugeja, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku, li għandha tintbagħat din l-ittra bonarja lid-ditta *Polidano Bros LTD*. b'kundizzjoni li l-kontenut tagħha jkun approvat mill-Avukat Woods qabel tintbagħat, il-kuntratt kif iffirmat fl-ittra t'aċċettazjoni datata 14 Ottubru 2011 huwa xolt u terminat il-kuntratt iffirmat fit-13 Frar 2009 mal-*U.I.F.*

Għar-raġuni li ma kienx hemm aktar materji relatati mal-qasam legali, l-Kunsill irringrazzja mill-ġdid lill-Avukat Woods u dan ħareġ mill-laqgħa fil-05.16 p.m.

**3.2** In segwitu tad-deċizjoni li kien għadu kemm ħa l-Kunsill, ċ-*Chairman* qal, li la darba l-kuntratt eżistenti mal-*U.I.F.* kien maqbul li jiġi tterminat, għandha ssir sottomissjoni ġdida sabiex minn dan il-fond jiġu ffinanzjati xogħlijiet ta' bankini fit-Toroq Moroni, Belvedere sa' Pjazza Meme' Scicluna, Triq San Albert 'il parti t'isfel, Bouverie 'l parti li għada ma saritx, Ġanni Benċini, Edgar Bernard, Sliema, Manoel de Vilhena, Nazju Ellul u Luqa Briffa (l-aħħar tnejn, il-partijiet l-antiki) f'liema sottomissjoni għandu jkun hemm inkluż ukoll, ix-xogħol relatat mal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Fl-istess frattemp, il-Perit Joe Bugeja flimkien mal-Viċi-Sindku għandhom iħejju *condition report* sabiex wara li jitlesta x-xogħol, jiġu evitati problemi partikularment dawk relatati mar-*residential storm water outlets.* Din id-deċiżjoni ġiet approvata mill-Kunsill unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joseph M. Muscat.

B'eżitu tad-deċizjoni meħuda fil-laqgħa preċedenti dwar l-*sleeping police* fi Triq Ponsonby kantuniera ma' Triq Carlo Manche, ċ-*Chairman* stieden lill-Perit sabiex jagħti l-parir tiegħu.

Il-Perit Joe Bugeja qal, li d-deċizjoni tiegħu kienet bbażata fuq il-*contours* tal-lokalita' u ppreżenta kopja tal-pjanta li turi li Toroq Reid u Manoel de Vilhena huma l-aktar baxxi, b'konsegwenza tal-fatt, li jekk tagħlaq l-uniku aċċess li baqa' (jiġifieri tiġi mplimentata l-proposta suġġerita) tbiddel id-direzzjoni tal-perkors naturali ta' l-ilma tax-xita u tkompli tiggrava l-problema ta' l-għargħar fix-Xatt. Għaldaqstant kien qed jissuġġerixxi li aktar milli jagħlaq l-aċċess kompletament, dawk eżistenti u dik proposta jiġu *apportioned* sabiex l-ilma tax-xita jkun jista' jiġi *channeled* bl-għan li jintlaħaq bilanċ, mingħajr ma jkun hemm riperkussjonijiet fuq toroq oħra.

Ġa la darba l-kuntrattur ser ikun mitlub jagħmel dan ix-xogħol, l-*isleeping police* eżistenti fi Triq Cameron kantuniera ma' Triq Stuart trid titbaxxa u tiġi tranġata l-*water sluice*.

Wara li l-punti kollha għad-diskussjoni ġew eżawriti, l-Kunsill qabel unanimament mas-suġġeriment tal-Perit b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John.

Minnħabba l-fatt li ma kienx hemm aktar materji għall-attenzjoni tal-Perit, il-Kunsill irringrazzjah u filwaqt li ħareġ mill-laqgħa fil-05.30 p.m. daħlet l-*Accountant* tal-Kunsill Johanna Caruana.

## 5. Approvazzjoni tat-3rd *Quarter Report* – Lulju – Settembru 2012

**5.1** Iċ-*Chairman* għamel referenza għar-rapport finanzjarju li kopja tiegħu kienet tqassmet lill-membri preżenti u qal li kif wieħed jista' jinnotta, l-miżuri meħuda ħallew effett pożittiv tant, li l-iżbilanċ mill-*half yearly report* kien naqas għal ċirca € 31,000. Hu stieden lill-*Accountant* sabiex tispjega dan ir-rapport.

L-*Accountant* tagħat ħarsa tal-figuri u spjegat li b'eċċezzjoni ta' xi ftit varjanti, l-Kunsill kien qed iżomm ma' l-estimi finanzjarji. Hi għamlet referenza partikulari għal *consolidated account* li għat-tielet kwart tas-sena kien 14.87% filwaqt li għall-ewwel tliet kwarti tas-sena kien ta' 7.54%. Hi spjegat li għalkemm l-*overall percentage* kien anqas mill-indikatur finanzjarju stipulat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali ta' 10%, hu ta' bilanċ favoreli u jeċċedi l-minimu ta' 5%.

Dwar l-infiq kapitali, l-*Accountant* qalet li dan jinkludi l-*public private partnership scheme*, skema li filwaqt li n-nefqa tagħha hi kollha nkluża minħabba d-diprezzament, l-ħlas tagħha jrid isir fuq terminu ta' tmien snin.

Iċ-*Chairman* żied jgħid, li l-proċedura tal-Kunsill li jikkontrolla l-infieq, kienet qed tħalli l-frott tagħha, bl-għan li sa Jannar 2013, il-qagħda finanzjarja tkun waħda favorevoli u b'hekk il-Kunsill ikun jista' jimbarka fuq proġetti nfrastrutturali.

Wara li l-punti għad-diskussjoni ġew eżawriti, l-Kunsill qabel unanimament ma' dan ir-rapport finanzjarju b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* issekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John.

Il-Kunsill irringrazzja lill-*Accountant* Johanna Caruana li ħarġet mill-laqgħa fil-05.37 p.m.

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Il-minuti tal-laqgħa tas-27 ta' Settembru 2012, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti sopracitati ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondati mill-Kunsillier Vinċenza Attard.

2. **Materji Konnessi**

**Paġna Nru: 3 para 2.10 –** R.M. Borg infurmat li għalkemm kienet intalbet laqgħa ma' l-Inġiniera *N.B.E.* sa dak nhar tal-laqgħa kien għad ma ġietx kkonfermata l-laqgħa.

**2.2 Paġna Nru: 5 para 3.5.1 -** R.M. Borg infurmat li l-Kunsill kien issottometta l-*partnership application* tal–*International Organisation for Migration* u ċ-*Chairman* kien ser jattendi l-*experts meeting* fis-6 ta' Novembru 2012. Dwar il-*Youth in Action Project* ċ-*Chairman* informa, li l-applikazzjoni kienet ġiet sottomessa u l-Kunsill ried jistenna sabiex jirċievi jekk din ġietx milqugħa.

**2.3 Paġna Nru: 6 para 3.6** – Il-Viċi-Sindku nforma li l-laqgħa maqbula kienet għadha ma saritx.

**2.4 Paġna Nru: 6 para 3.6.1. –** Wara li l-Kunsill evalwa fid-dettal ir-risposta minn Dott Mario Spiteri, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* issekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John, li għandha tinġieb l-approvazzjoni tal-Pulizija sabiex il-Kunsill ikun jista' jipproċedi.

**2.5 Paġna Nru: 7 para 3.11. -** Iċ-*Chairman* ta' *update* ta' x'sar mill-aħħar laqgħa u nforma li kienet ġiet appuntata laqgħa għan-negozjanti tal-parti t'isfel tal-lokalita', jiġifieri l-parti li għaliha kienet ġiet sottomessa l-applikazzjoni għar-*residential parking scheme* it-Tnejn 29 t'Ottubru 2012 fis-07.00 p.m. fis-Sala tal-Komunita', li għaliha l-membri tal-Kunsill kienu kollha mistiedna. L-għan ta' din il-laqgħa kien, sabiex jiġi spjegat kif ser jaħdem ir-*residential parking scheme* u l-iskop tal-Kunsill kien li jintlaħaq bilanċ bejn il-Komunita' residenzjali u dik kummerċjali.

3. **Korrispondenza**

**3.1** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sa l-24 t' Ottubru 2012 kif ukoll, ingħatat informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2** Inqrat il-korrispondenza li rċevejna u dik li ntbagħtet fosthom:

**3.3** In vista tal-fatt li l-Kunsill kien qed jippjana li l-laqgħat tal-Kunsill ikunu *audio streamed*, tressqet kwotazzjoni mid-ditta *Pinktoe LTD*:

- *One time setup ta' €500 u kull erba' xhur jitħallas €160 għal hosting.*

Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament ma' l-ispejjeż hawn fuq imsemmija b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Vinċenza Attard. R.M. Borg infurmat li filwaqt li l-ammont approvat ma jeċċediex id-*direct order limit* madanakollu, jekk in-nefqa ser tkun waħda rikorrenti, fil-futur il-Kunsill ikun jrid jiddeċiedi li jew jippubblika kwotazzjoni jew sejħa għall-offerti.

**3.5** B'eżitu ta' korrispondenza mill-*Malta Football Association* u s-Sur Victor Ellul dwar talba sabiex il-Kunsill jakwista kopji ta' ktieb li jittratta l-futbol feminili f'Malta u Għawdex u jagħti donazzjoni lill-*Puttinu Cares*, R.M. Borg nfurmat li dwar din il-materja l-Kunsill għandu jitlob gwida lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali minħabba li skont Artiklu 63 tal-Liġi u *Memo 65/2009,* il-Kunsilli Lokali huma projbiti li jagħtu donazzjonijiet.

Għaldaqstant il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joseph M. Muscat li jekk id-Dipartiment jilqa' din it-talba, jinġiebu żewġ kopji u tingħata donazzjoni ta' €50.00 lill-*Puttinu Cares*.

**3.6.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joseph M. Muscat li jinxtraw żewġ kopji tal-ktieb Duminku Mintoff, Bejn Storja u Miti għall-prezz globali ta' €40.00

**3.7** Il-Kunsill qabel unanimanet b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku, li għall-attivita' kulturali ta' l-4 ta' Novembru 2012, jiġi provdut trasport għall-prezz ta' €200.

**3.8** B'eżitu t'ittra li dan il-Kunsill Lokali rċieva fis-16 t'Ottubru 2012 mid-*Blues LTD* dwar jekk il-Kunsill Lokali għadux interessat li jitwaħħlu *outdoor maps* fil-lokalita', R.M.Borg għamlet referenza għall-approvazzjoni li l-Kunsill preċedenti kien ħareġ fl-20 t'April 2011, inkluż il-kundizzjonijiet stipulati.

Matul id-diskussjoni li saret il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St.John mal-kundizzjonijiet kollha maħruġa, b'żieda li jekk fi żmien xahar minn notifika ta' manutenzjoni jew tranġar ta' ħsarat, il-kumpanija ma tagħmilx dak mitlub, tiġi applikata penali ta' €200 fil-ġimgħa. Fir-rispett tas-siti msemmija l-Kunsill qal, li sit ieħor fi Triq Imsida għandu jkun ikkunsidrat madanakollu, qabel ma terġa' tiġi rikonfermata d-deċiżjoni, għandu jsir *introductory meeting* minn din il-kumpanija, għall-liema laqgħa l-Kunsill ikun rappreżentat mill-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Charles Micallef St. John.

**3.9** Nqrat it-talba tal-Perit Roderick Spiteri sabiex isir rampa fuq il-bankina quddiem l-iżvilupp li kien ser isir f'51 Triq Imsida, il-Gżira u dan kif mitlub mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni Bi Bzonnijiet Speċjali.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Viċi-Sindku ta' spjegazzjoni dettaljata ta' dak li kien qed jitlob dan il-Perit minħabba l-fatt, li dak in-nhar stess tal-laqgħa kellu *site-meeting* miegħu.

Matul id-diskussjoni li saret il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku li l-Kunsill m'għandux isib oġġezzjoni sakemm l-applikant ikollu l-approvazzjonijiet kollha neċessarji mill-entitajiet kompetenti partikularment mid-Dipartiment ta' l-Artijiet, M.E.P.A. K.N.P.D. u T.M. u jekk diġa' għandu x'approvazzjoni, x-xogħol irid isir eżatt kif approvat. Kopja tar-risposta għandha tiġi referuta għall-attenzjoni u l-approvazzjoni tal-Perit tal-Kunsill qabel ma tiġi sottomessa.

**3.10** R.M. Borg infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet

**4.1** Tressqet l-iskeda tal-Ħlasijiet Klg06/08 minn Nru:325 sa Nru:392 (ara *appendix* Nru:1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget* .

**4.2** Wara diskussjoni qasira, l-iskeda tal-ħlasijiet sopracitata, ġiet approvata unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joseph M. Muscat

## 6. Diskussjoni u Approvazzjoni t'*Expression of Interest – Cash in Transit*

Iċ-*Chairman* għamel referenza għar-rapport ta' rakkomandazzjoni mill-Kumitat t'Aġġudikazzjoni li kien ġie ċċirkulat lill-membri tal-Kunsill permezz ta' *e-mail* li għaliha dan il-Kunsill Lokali kien irċieva sottomissjoni waħda mid-ditta G4 Services għall-prezz ta' €17.70 VAT Inkluża kull trip darbtejn f'ġimgħa.

Hu kompla jgħid, li qabel ma nbdiet il-laqgħa kien irċieva *e-mail* mill-Kunsillier Joe Camilleri, permezz ta' liema talbu sabiex din il-materja ma tiġix diskussa waqt din il-laqgħa. Ir-raġuni kienet, li hu talab lill-Kumitat tar-Reġjun Ċentrali, (li minnu tifforma parti din il-lokalita') sabiex dan is-servizz ikun imħallas minnu.

Matul id-dsikussjoni, fejn il-Kunsill irrimarka pożittivament dwar din l-*idea*, qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku li din il-materja għandha tiġi deċiża wara li l-Kunsill jirċievi risposta mill-Kumitat tar-Reġjun Ċentrali.

## 7. Diskussjoni u Approvazzjoni t'*Expression of Interest – Envirnomental Co-Ordinator*

**7.1** Iċ-*Chairman* għamel referenza għall-*e-mails* ċċirkulata dak nhar stess tal-laqgħa dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Aġġudikazzjoni għall-liema sejħa ġew sottomessi l-offerti hawn taħt elenkati:

- *Ensure Monitoring - €20.00 VAT Esklużа fis-siegħa*
- *Edmond Rizzo - € 4,160 VAT Inkluża per annum*
- *Martin Muscat - € 15,000.00 fis-sena*
- *Elke Schendo - € 16.00 VAT Inkluża fis-siegħa*
- *Synthesis Management System - € 300.00 fix-xahar*
- *PKF & Tuning Fork LTD - € 25 VAT Eskluża fis-siegħa, fl-eventwalita' ta' taħriġ (materjal inkluż) jew attendenza f'laqgħat r-rata tkun €36 VAT Eskluża fis-siegħa u € 44 VAT Eskluża fis-siegħa għall-konsulenzi.*

Hu kompla jgħid, li skont ir-rapporti, l-Kumitat t'Aġġudikazzjoni talab lill-orħos offerent, jiġifieri *Synthesis Management System,* li kwota anqas mill-*minimum wage*, li jattendi għall-laqgħa matul liema ġie stabbilit, li ma jistax jkun dedikat għal dan il-Kunsill biss minħabba li diġa' joffri servizz simili fl-lokalita' oħra kif ukoll, ma jistax jirrapporta tliet darbi fl-uffiċċju tal-Kunsill kif mitlub u għaldaqstant qal, li m'għadux aktar interessat f'din l-offerta. Għalhekk, il-kumitat sejjaħ laqgħa oħra mat-tieni l-orħos offerent li kien Edmond Rizzo. F'din il-laqgħa Edmond Rizzo li hu penzjonant, mill-lokalita' u ex-kunsillier qal, li hu kien jaqbel ma' kull kundizzjoni mposta mill-Kunsill u għaldaqstant il-kumitat t'aġġudikazzjoni rakkomanda lil Edmond Rizzo sabiex joffri s-servizz t'*envirnomental co-ordinator*. In segwitu ta' din ir-rakkomandazzjoni li ġiet diskussa fid-dettal, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku li din is-sejħa tintrebaħ minn Edmond Rizzo għall-prezz ta' €4,160 VAT Inkluża per annum.

## 8. Affarijiet Oħra

**8.1** Il-Viċi-Sindku għamel referenza għad-diversi *site-visits* li għamel lin-negozjanti u qal, li ma xtaqx li l-kummenti/suġġerimenti mressqa, ma jiġux segwiti.

Matul id-diskussjoni li saret, filwaqt li l-Kunsill irrimarka b'apprezzament għax-xogħol siewi li kien qed jagħmel qal, li sfortunament mhux kull talba mressqa tista' tiġi ndirizzata u ħafna drabi dak mitlub ma jkunx jifforma parti mir-resposnabbilta' tiegħu. Intant R.M. Borg infurmat, li dawn ġew inklużi fil-lista ta' l-ilmenti/suġġerimenti li tiġi ċċirkulata bejn il-membri tal-Kunsill sabiex kulħadd ikun jista' jagħti l-*input* tiegħu.

## 9. Laqgħa Oħra

**9.1** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fit-7.20 p.m. u ġiet aġġornata għall-21 ta' Novembru 2012 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano | Rowena M Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/08**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg6/08 24.10.2012** **Data:** **28.09.2012 - 24.10.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Calleja Ltd | €420.00 | €420.00 | D | | 6 Globes for the Strand | 01.10.2012 | 231186 | 325 | | | 8023 |
| 2 | Għaqda Mużikali M.Carmel | €70.00 | €70.00 | D | | Avviż lir-residenti Festa 2012 | 11.09.2012 | | 326 | | | 8024 |
| 3 | J.Bonnici & Sons | €354.00 | €354.00 | K | | Hire of Mobile Toilets - Sept. 2012 | 30.09.2012 | 7177 | 327 | | | 8025 |
| 4 | ARMS LTD | €30.99 | €30.99 | D | | 09.06.2012 - 03.09.2012 Act. Centre | 20.09.2012 | 15805010 | 328 | | | 8026 |
| 5 | E.L.C. | €2,212.92 | €2,212.92 | T | | Maint of Soft Areas - Sept. 2012 | 30.09.2012 | 008972 | 329 | | | 8027 |
| 6 | The Toolbox | €8.98 | €8.98 | D | | Maint - Triq Ponsonby | 27.09.2012 | 11389 | 330 | | | 8028 |
| 7 | The Toolbox | €4.80 | €4.80 | D | | Maint Admin Office | 01.10.2012 | 11398 | 330 | | | 8028 |
| 8 | The Toolbox | €16.90 | €16.90 | D | | Maint Act. Centre & Admin | 02.10.2012 | 11402 | 330 | | | 8028 |
| 9 | The Toolbox | €56.38 | €56.38 | D | | Maint of Fountain - Gnien | 11.10.2012 | 11429 | 330 | | | 8028 |
| 10 | Squire Bkshop | €62.50 | €62.50 | D | | Newspapers - Sept. 2012 | 30.09.2012 | 529 | 331 | | | 8029 |
| 11 | G4S Security Serv. | €159.30 | €159.30 | D | | Cash In Transit - Sept. 2012 | 30.09.2012 | GS006034 | 332 | | | 8030 |
| 12 | Liliana Risiott | €30.00 | €30.00 | D | | Interview for Impenn - Baron K. Vella Haber | 04.10.2012 | 18253224 | 333 | | | 8031 |
| 13 | Gauci Borda & Co Ltd | €50.00 | €50.00 | D | | Repair of Flag | 08.10.2012 | 082729 | 334 | | | 8032 |
| 14 | Venture Trading | €53.34 | €53.34 | D | | Stationery | 09.10.2012 | 19392 | 335 | | | 8033 |
| 15 | Sierra Book Distributors | €100.00 | €100.00 | D | | Book for Public Library | 08.10.2012 | 116037 | 336 | | | 8034 |
| 16 | Clifford Vella | €38.00 | €38.00 | D | | Book for Public Library | 11.10.2012 | 259/12 | 337 | | | 8035 |
| 17 | Multi Packaging Ltd | €204.14 | €204.14 | D | | Archive A Boxes | 10.10.2012 | inv23041 | 338 | | | 8036 |
| 18 | MCA | €120.00 | €120.00 | D | | WIFI - Act. Centre | 08.10.2012 | 3257 | 339 | | | 8037 |
| 19 | Koperattiva Tabelli Sinjali | €485.11 | €485.11 | T | | Job No: 11814 - Road Markings | 04.09.2012 | 17023 | 340 | | | 8038 |
| 20 | Koperattiva Tabelli Sinjali | €95.90 | €95.90 | T | | Job No: 11641 - Road Markings | 24.09.2012 | 17044 | 341 | | | 8039 |
| | **Sub Total c/f** | **€4,573.26** | **€4,573.26** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€4,573.26** | **€4,573.26** | | | | | | | | | |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/08**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg6/08 24.10.2012** **Data:** **28.09.2012 - 24.10.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Koperattiva Tabelli Sinjal | €259.12 | €259.12 | T | | Job No: 11642 Road Markings | 24.09.2012 | 17045 | 342 | | | 8040 |
| 22 | Koperattiva Tabelli Sinjal | €317.53 | €317.53 | T | | Job No: 9497 - Traffic Signs | 03.09.2012 | 17082 | 343 | | | 8041 |
| 23 | Alfa Co Ltd | €105.13 | €105.13 | D | | Copies & Rentals 13.08.2012 - 12.09.2012 | 30.09.2012 | 87548 | 344 | | | 8042 |
| 24 | Alfa Co Ltd | €60.38 | €60.38 | D | | Copies & Rentals 01.09.2012 - 30.09.2012 | 30.09.2012 | 87549 | 344 | | | 8042 |
| 25 | EcoPure | €8.50 | €8.50 | D | | Drinking Water for Adm Office | 04.10.2012 | 528578 | 345 | | | 8043 |
| 26 | Alberta | €4.13 | €4.13 | D | | Basic Service fire extinguishers Office | 11.10.2012 | 30099701 | 346 | | | 8044 |
| 27 | GO plc | €68.71 | €68.71 | D | | 21334254/341034 Calls Sept/Rent Oct 2012 | 13.10.2012 | 29751691 | 347 | | | 8013 |
| 28 | GO plc | €21.45 | €21.45 | D | | 341616 Calls Sept/Rent Oct 2012 | 13.10.2012 | 29751695 | 348 | | | 8014 |
| 29 | GO plc | €60.93 | €60.93 | D | | 322157 Calls Sept/rent Oct 2012 | 13.10.2012 | 29752220 | 349 | | | 8015 |
| 30 | BDL Ltd | €132.98 | €132.98 | D | | Books for Public Library | 08.10.2012 | 196331 | 350 | | | 8045 |
| 31 | Studio Communication | €912.14 | €912.14 | D | | Advertising re 24.08.2012 | 01.09.2012 | 900 | 351 | | | 8046 |
| 32 | J&K Contractors Ltd | €259.35 | €259.35 | T | | Repairs to pavement in paving blocks | 11.07.2012 | 1289-12 | 352 | | | 8047 |
| 33 | J&K Contractors Ltd | €427.50 | €427.50 | T | | repairs to pavement nr bus stop Sliema Rd | 25.07.2012 | 1295-12 | 353 | | | 8049 |
| 34 | J&K Contractors Ltd | €270.75 | €270.75 | T | | Remove ramp in Msida Rd | 17.10.2012 | 1307-12 | 354 | | | 8048 |
| 35 | J&K Contractors Ltd | €199.50 | €199.50 | T | | Boundary Wall collapsed in Reggie Miller after storm | 17.10.2012 | 1308-12 | 355 | | | 8050 |
| 36 | J&K Contractors Ltd | €857.14 | €857.14 | T | | Damages sustained by storm and rain water at Strand | 17.10.2012 | 1309-12 | 356 | | | 8051 |
| 37 | J&K Contractors Ltd | €1,714.29 | €1,714.29 | T | | Emergency Works | 17.10.2012 | 1310-12 | 357 | | | 8052 |
| 38 | J&K Contractors Ltd | €452.38 | €452.38 | T | | Msida Road | 17.10.2012 | 1311-12 | 358 | | | 8053 |
| 39 | J&K Contractors Ltd | €295.24 | €295.24 | T | | Repairs to culvert | 17.10.2012 | 1312-12 | 359 | | | 8054 |
| 40 | J&K Contractors Ltd | €381.14 | €381.14 | T | | Supply & Deliver cement/sand/tarmac | 17.10.2012 | 1313-12 | 360 | | | 8055 |
| | **Sub Total c/f** | **€6,808.29** | **€6,808.29** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€4,573.26** | **€4,573.26** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€11,381.55** | **€11,381.55** | | | | | | | | | |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/08**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg6/08 24.10.2012** **Data:** **28.09.2012 - 24.10.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | J&K Contractors Ltd | €1,283.81 | €1,283.81 | T | | repair of Manholes as per qt35-12 | 17.10.2012 | 1314-12 | 361 | | | 8056 |
| 42 | J&K Contractors Ltd | €928.57 | €928.57 | T | | Repairs at Strand opp Ponsonby (sea side) | 17.10.2012 | 1315-12 | 362 | | | 8057 |
| 43 | J&K Contractors Ltd | €200.00 | €200.00 | T | | Rue D'Argens | 17.10.2012 | 1316-12 | 363 | | | 8058 |
| 44 | J&K Contractors Ltd | €200.00 | €200.00 | T | | The Strand - Planters | 17.10.2012 | 1317-12 | 364 | | | 8059 |
| 45 | Allied Newspapers | €193.82 | €193.82 | D | | Advert GLCQ006/2012 Christmas Lights | 22.10.2012 | | 365 | | | 8087 |
| 46 | Media Link Comm | €109.50 | €109.50 | D | | Advert GLCQ006/2012 Christmas Lights | 22.10.2012 | | 366 | | | 8088 |
| 47 | Perm Sec OPM | €78.00 | €78.00 | D | | Advert GLCQ006/2012 Christmas Lights | 22.10.2012 | | 367 | | | 8060 |
| 48 | D.O.I. | €10.92 | €10.92 | D | | Advert GLCQ006/2012 Christmas Lights | 22.10.2012 | | 368 | | | 8020 |
| 49 | Melita plc | €217.83 | €217.83 | D | | Hello Service & Usage 08.10.12 - 07.11.12 | 08.10.2012 | | 369 | | | 8021 |
| 50 | A.K.L. | €200.00 | €200.00 | D | | Laqgħa 10.11.2012 Councillors | 18.10.2012 | | 370 | | | 8061 |
| 51 | Vinto Hardware Store | €25.90 | €25.90 | D | | Maint Benches | 22.10.2012 | | 371 | | | **8062** |
| 52 | ARMS Ltd | €271.22 | €271.22 | D | | Promenade Gardens 14.06.12 - 10.09.2012 | 15.10.2012 | 15917864 | 372 | | | 8063 |
| 53 | ARMS Ltd | €702.35 | €702.35 | D | | Gżira Gardens 14.06.12 - 10.09.2012 | 15.10.2012 | 15917863 | 373 | | | 8064 |
| 54 | WasteServ Malta Ltd | €4,064.39 | €4,064.39 | D | | Allocated MSW Waste Sept. 2012 | 15.10.2012 | 027983 | 374 | | | 8065 |
| 55 | d'Aniens Dev. Ltd | €9,358.60 | €9,358.60 | T | | rent Act. Centre 01.11.2012 - 31.10..2013 | 05.10.2012 | | 375 | | | 8066 |
| 56 | SRF Cleaning Services | €378.52 | €378.52 | T | | Street Sweeping on Sundays August 2012 | 24.09.2012 | 12_2722 | 376 | | | 8067 |
| 57 | SRF Cleaning Services | €4,588.85 | €4,588.85 | T | | Street Sweeping/Grass Cutting Aug 2012 | 24.09.2012 | 12_2723 | 377 | | | 8068 |
| 58 | SRF Cleaning Services | €4,588.85 | €4,588.85 | T | | Street Sweeping/Grass Cutting Sept 2012 | 17.10.2012 | 12_2781 | 378 | | | 8069 |
| 59 | SRF Cleaning Services | €378.52 | €378.52 | T | | Street Sweeping on Sundays - Sept. 2012 | 17.10.2012 | 12_2782 | 379 | | | 8070 |
| 60 | Koperattiva Tabelli Sinjali | €77.28 | €77.28 | T | | Job No: 9422 - Traffic Signs | 09.10.2012 | 17105 | 380 | | | 8071 |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€27,856.93** | **€27,856.93** |
| **Sub Total b/f** | **€11,381.55** | **€11,381.55** |
| **Total** | **€39,238.48** | **€39,238.48** |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/08**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg6/08 24.10.2012** **Data:** **28.09.2012 - 24.10.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €20.83 | €20.83 | T | | Job No: 11951 - Road Markings | 04.10.2012 | 17118 | 381 | | | 8072 |
| 62 | The Toolbox | €5.55 | €5.55 | D | | Maint of Signs | 15.10.2012 | 11438 | 382 | | | 8073 |
| 63 | The Toolbox | €88.70 | €88.70 | D | | Benches & safety shoes/vests ETC | 22.10.2012 | 11455 | 383 | | | 8074 |
| 64 | Alexandra Galea | €375.00 | €375.00 | K | | Crafts Lessons for the month of October 2012 | 31.10.2012 | 36 | 384 | | | 8075 |
| 65 | Joe Borg | €46.59 | €46.59 | D | | Duck Food - October 2012 | 31.10.2012 | 42 | 385 | | | 8076 |
| 66 | Emanuel Mifsud | €5,590.50 | €5,590.50 | T | | Door to Door Collection October 2012 | 31.10.2012 | 48 | 386 | | | 8077 |
| 67 | Emanuel Mifsud | €432.87 | €432.87 | T | | Skip Hire October 2012 | 31.10.2012 | 49 | 387 | | | 8078 |
| 68 | Emanuel Mifsud | €836.06 | €836.06 | T | | Public Convenience October 2012 | 31.10.2012 | 50 | 388 | | | 8079 |
| 69 | Emanuel Mifsud | €881.32 | €881.32 | T | | Bulky Refuse - Sept 2012 = 161 Calls | 31.10.2012 | 51 | 389 | | | 8080 |
| 70 | General Ecological | €968.22 | €968.22 | K | | Full & Final Settlement Culvert Cleaning | | 206 | 390 | | | 8081 |
| 71 | Honoraria October 2012 | €521.83 | €521.83 | | | Honoraria October 2012 | 26.10.2012 | | 391 | | | 997 |
| 72 | Salaries October 2012 | €4,557.01 | €4,557.01 | | | Salaries October 2012 | 26.10.2012 | | 392 | | | 998 - 1002 |
| 73 | C.I.R. October 2012 | €2,047.79 | €2,047.79 | | | C.I.R. October 2012 | | | | | | 1003 |
| 74 | | | | | | | | | | | | |
| 75 | | | | | | | | | | | | |
| 76 | | | | | | | | | | | | |
| 77 | | | | | | | | | | | | |
| 78 | | | | | | | | | | | | |
| 79 | | | | | | | | | | | | |
| 80 | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€16,372.27** | **€16,372.27** |
| **Sub Total b/f** | **€39,238.48** | **€39,238.48** |
| **Total** | **€55,610.75** | **€55,610.75** |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**